MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 192/1995/1

**Il-Kontrollur tad-Dwana**

**Vs**

**John G. Hayes**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-8 ta’ Frar 1995 li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-konvenut importa konsenja “All Purpose Polish”, liema konsenja giet impurtata fis-17 ta’ Jannar, 1992 u hija soggetta ghal-*levy* skond il-Local Manufacturer’s (Promotion) Act, 1989;

Premess illi fir-rigward ta’ din il-merkanzija l-konvenut huwa debitur versu l-attur fis-somma ta’ hames mija u erbghin lira Maltija (Lm540.00,0) dovuta bhala ‘mposta’ fuq l-oggetti hawn fuq imsemmija;

Premess illi l-konvenut debitament interpellat baqa’ inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm540 bhala mposta fuq “All Purpose Polish” importatat fis-17 ta’ Jannar, 1992;

Bl-ispejjez inkluzi ta’ l-ittri ufficjali tal-5 ta’ Mejju 1993 u tal-10 ta’ Novembru 1994;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti ma’ l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fit-23 ta’ Mejju 1995 li permezz taghha huwa eccepixxa:

1. Il-preskrizzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 2149 (e) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Minghajr pregudizzju ghal fuq espost, it-talba ta’ l-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu billi l-merkanzija “All Purpose Polish” importata fis-17 ta’ Jannar 1992 mhix soggetta ghal *levy* skond l-Att dwar il-Promozzjoni ta’ Prodotti Lokali - Kapitolu 336 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat l-Affividavits tax-xhieda mressqa;

Rat in-noti ntavolati mill-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Permezz ta' din l-azzjoni l-attur qed jitlob il-hlas ta' *levy* - ghall-precizazzjoni "*post entry levy*" - fuq merce denominata "All Purpose Polish", importata f' Malta fis-17 ta' Jannar 1992 mill-konvenut bis-sahha ta' licenzja ta' importazzjoni Numru 500220 lilu mahruga mid-Dipartiment tal-Kummerc (fol. 62). Ara fir-rigward Affidavit ta' Maryanne Frendo, Head Licensing Division fid-Dipartiment tal-Kummerc (fol. 74);

In succint il-fatti li taw lok ghal din l-azzjoni huma dawn:-

I. Il-konvenut importa l-merkanzija surreferita flimkien ma' merce ohra, u dwarhom thallas id-dazju. Ara xiehda ta' Ignatius Azzopardi, releasing officer fid-Dwana (fol. 59) u ta' Mario Gatt, Assistant Director Landing and Releasing fl-istess Dwana (fol. 76);

II. Fl-applikazzjoni tieghu ghall-otteniment tal-licenzja, il-konvenut stess ikklassifika l-prodott partikolari fuq imsemmi taht HS Code 3405.90.00. Ix-xhud Ignatius Azzopardi li kien ir-releasing officer fil-mument tal-wasla tal-merce, wara konsult ma' ufficcjal fi grad oghla minnu, irrilaxxja din il-merce ghax deherlu li fuqha ma kien impost l-ebda *levy*. Skond ma jirrizulta minn memo interna (fol. 73) taht il-firma ta' l-imsemmi Mario Gatt, "*levy on this product had not been paid and releasing officer, accepting importer's declaration, did not submit sample for onward transmission to Standards* Laboratory";

III. Id-Direttur ta' l-Industrija kiteb lid-Dwana biex jattiralha l-attenzjoni li l-prodott *de quo* kien suggett ghal-

*levy* in virtu ta' l-Att dwar il-Promozzjoni tal-Prodotti Lokali. Ghalhekk ufficcjali mid-Dwana gabru kampjun tal-prodott li ntbaghat ghat-*testing*;

IV. Skond Carmel Galea, Assistant Head fid-Dipartment ta' l-Industrija, instab li l-prodott kien *multi-purpose polish* u jista' jintuza fuq hgieg u tappezzerija. Konsegwentement, kif dikjarat minnu fl-Affidavit a fol. 67, dan kien soggett ghal *levy* bir-rata ta' lira u hamsin centezmu (Lm1.50) kull litru, meta jkun f' forma likwida u *aerosol*. (Ara Dokument CVG3 esebit a fol. 72);

V. Id-Dwana kitbet lid-Dipartiment ta' l-Industrija biex tara jekk fil-kaz ta' din l-importazzjoni partikolari kienx hemm lok ghal hrug ta' "*ad hoc exemption* mil-*levy*" (ara deposizzjoni ta' Mario Gatt) imma d-Dipartiment ta' l-Industrija baqa' jinsisti ghall-prosegwiment tat-talba ghall-hlas (Ara ittra esebita a fol. 78);

Premessi dawn il-fatti, il-Qorti mhix mghejjuna mill-konvenut, li ma xehedx, biex tiddisputa l-korrettezza o meno ta' l-analisi kondotta fuq il-kampjun u allura l-affermazzjoni sostenuta mill-attur illi fuq ir-rizultanzi ottenuti mill-analisi l-prodott fuq specifikat kien suggett ghall-impost tal-*levy*. Fic-cirkostanzi prevalenti allura difficilment tara kif tista' taghti aditu jew akkoljiment ghat-tieni eccezzjoni sollevata minnu illi l-prodott in ezami ma huwiex suggett ghal-*levy* skond l-Att XXXI ta' l-1989 (Kapitolu 336). Din l-eccezzjoni ma giet sorretta bl-ebda mod minnu, u anzi tinsab eskluza mill-provi ta' l-attur;

Evidentement il-konvenut donnu jitrieh ghal kollox fuq l-ewwel eccezzjoni tieghu ta' l-estinzjoni ta' l-azzjoni bid-dekorriment tal-perijodu bjennali ai termini ta' l-Artikolu 2149(e) tal-Kodici Civili. Kif evidenzjat minn Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu (fol. 53) jidher li l-qofol tad-difiza tieghu hi preponderentement indirizzata biex jottjeni l-helsien mit-talba attrici bis-sahha tal-preskrizzjoni eccepita;

Issa huwa pacifiku illi meta tigi opposta l-preskrizzjoni l-attur jista' jikkombattiha b' diversi mezzi; *inter alia*, l-inammissibilita`, l-interruzzjoni, is-sospensjoni jew li jiddiferixxi l-gurament. In partikulari l-Artikolu 2128 tal-Kodici Civili jippreskrivi illi "l-preskrizzjoni tinkiser ukoll b' kull att gudizzjarju prezentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra taghha wiehed irid li ma jhallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher bic-car illi s-sid jew il-kreditur bi hsiebhom izommu l-jedd taghhom";

Hekk ipproceda biex jaghmel l-attur f' dan il-kaz billi bhala mezz interruttiv tal-preskrizzjoni baghat zewg ittri ufficcjali lill-konvenut ghall-hlas ta' l-ammont dovut. Dan fil-5 ta' Mejju 1993 (fol. 19) u fl-10 ta' Novembru 1994 (fol. 24) u li kif jidher mir-riferti rispettivi gew debitament notifikati lill-konvenut;

Il-konvenut iqajjem il-punt illi l-ittra ufficcjali tal-5 ta' Mejju 1993 tirreferi ghal dazju u mhux *levy* u allura din ma kellhiex tittiehed in konsiderazzjoni ghall-iskop ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni li kienet miexja. Huwa jimmotiva din il-posizzjoni tieghu fuq l-assunt illi d-dazju kien gja minnu mhallas;

In-naha attrici f' aktar minn Nota wahda ta' sottomissjonijiet tikkontendi li l-kelma 'dazju' fl-ittra ufficjali msemmija kienet certament *lapsus calami* (ara Nota a fol. 27) u gjaladarba 'dazju' u '*levy*' huma t-tnejn imposti jew taxxa, id-desinjazzjoni preciza ta' liema forma ta' taxxa l-persuna qed tintalab gudizzjarjament li thallas mhix daqstant fundamentali;

Ezaminati kif jixraq il-provi din il-Qorti ttendi biex taqbel mat-tezi ta' l-attur. Dan fis-sens illi verament l-ghazla tal-kelma flok ohra kienet *lapsus calami*. F' din il-konkluzjoni l-Qorti ghandha l-konfort tal-fatt illi mill-kopji tal-korrispondenza esebita, senjatament dik a fol. 32, il-konvenut kien konxju tal-fatt illi d-disputa bejnu u d-Dwana fir-rilaxx ta' konsenja ohra ta' l-istess prodott impurtat

kienet tikkoncerna proprju l-kwestjoni tal-*levy* riferibilment ghal dan il-prodott partikolari;

Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk fil-kaz in ispecje l-identifikazzjoni ta’ dak li kien qed jintalab u pretiz mill-attur kienet ben nota mill-konvenut li proprju wkoll irrifjuta li jirtira l-merce minnu mportata f’ Awissu 1992 biex ma jhallasx il-*levy* fuq il-prodott;

L-ittra ufficcjali in diskussjoni ghalhekk ma tistax tigi injorata biex invece jigi rremedjabilment pregudikat id-dritt ta’ l-attur kreditur mill-argoment kapriccjuz tal-konvenut dwar l-identita` preciza tal-kelma meta dak li kien qed jigi domandat irrizulta *aliunde* minn provi ohra in atti. Il-Qorti allura tikkonsidra l-istess ittra ufficcjali bhala korretta u accettabbli u ghandha tinghata l-piz u l-konsiderazzjoni taghha. Dak, jigifieri, ta’ l-effett prattiku tal-preservazzjoni tal-jedd tal-parti kreditrici fl-azzjoni. Japplika allura d-dispost ta’ l-Artikolu 889 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili li a propozitu jipprovdi li l-iskop ta’ l-ittra ufficcjali *qua* att gudizzjarju huwa dak intiz li jqieghed lil haddiehor f’ mala fidi jew biex izomm shah il-jeddijiet tieghu nnifsu;

Dan premess jikkonduci ghall-unika konkluzjoni gusta illi l-ittri ufficcjali jikkwalifikaw bhala mezzi interruttivi tal-preskrizzjoni u li l-azzjoni giet sewwa proposta fit-terminu legali mil-ligi stabbilit. Ghalhekk anke din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, bhat-tieni wahda, timmerita li tigi respinta.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi prevja r-rigett ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut takkolji d-domanda attrici billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur Kontrollur tad-Dwana s-somma ta’ mposta jew *post entry levy* ta’ hames mija u erbghin lira Maltija (Lm540) fuq il-prodott “All Purpose Polish” importat mill-istess konvenut fis-17 ta’ Jannar 1992.

L-ispejjez gudizzjarji ghandhom jitbatew mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------